MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2007

Numru. 71/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sandro Zarb)**

**vs**

**Ramazan Polat**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Ramzan Polat** ta’ 30 sena, bin Ihsan Fikri u Besi, mwieled Eleskirt, Turkija, fl-10 ta’ Novembru, 1976, residenti Bugibba u detentur tal-passaport bin-numru 076256;

Talli matul 5dawn l-ahhar gimghat f’dawn il-Gzejjer iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f’passaport jew uza jew kellu ghandu passaport li huwa jaf li gie ffalsifikat, imbiddel jew sar xi tibdil fih, u cioe’ permess ta’ residenza

tar-Repubblika Franciza allegatament mahruga f'isem Haci Polat bin-numru F143005581 bi ksur tal-Art. 5 tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra, jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, bi ksur tal-Artikolu 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Rat l-atti tal-kumpilazzjoni;

Stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghalhekk qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Rat l-artikolu 5 Kap 61 u 189 Kap 9;

Tikkundannah ghal terminu ta' prigunerija ta' seba (7) xhur mil-lum, liema terminu ma jiddekorriex sa zmien sena (1) mil-lum skond l-art 28A tal-Kap 9;

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

Stante li l-prosekuzzjoni ma kellhiex il-kunsens tal-avukat generali sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja, tordna li dawn l-atti jintbaghtu ghand l-avukat generali fi zmien li trid il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------